**Kompetizzjoni Skolasajf Logo 2024**

Data tal-għeluq – **9 ta' Frar 2024**

**Termini u Kundizzjonijiet**

1. Is-suġġett tal-kompetizzjoni huwa l-ħolqien tal-logo ta' Skolasajf 2024.

2. It-tema magħżula għal din is-sena hija 'Life is My Adventure!'. Il-kunċett huwa bbażat fuq l-idea l-ħajja toffri opportunitajiet sbieħ u għandna ngħixuha bħala avventura sabiħa.

3. Il-kompetizzjoni hija miftuħa għat-tfal kollha minn 3 snin sa 16-il sena.

4. Kull parteċipant jista' jissottometti aktar minn xogħol artistiku wieħed.

5. Id-disinn għandu jkun xogħol ta' tfal individwali.

6. Il-kompetizzjoni hija miftuħa fuq skala nazzjonali.

7. It-tfal li jattendu Klabb 3-16 jistgħu jagħtu l-arti tagħhom direttament lill-Koordinatur taċ-Ċentru,

bħala kopja stampata li m'għandhiex tkun akbar minn daqs A4.

8. Inkella, sottomissjonijiet skennjati jistgħu jintbagħtu fuq programmes.fes@gov.mt

9. Kull disinn għandu jkollu d-dettalji li ġejjin, kemm jekk jiġi sottomess bħala disinn lill-Koordinatur taċ-Ċentru jew bħala email: ISEM, KUMJOM, ETA', NUMRU ID, INDIRIZZ, NUMRU TAT-TLEFON TAL-ĠENITUR/I, ISEM IĊ-ĊENTRU TAL-KLABB 3-16 (jekk applikabbli).

10. Id-disinn għandu jkun bil-kulur u m'għandux jinkludi data.

11. Il-parteċipanti jistgħu jużaw kwalunkwe forma tal-midja fid-disinn tagħhom.

12. Id-data tal-għeluq għall-kompetizzjoni hija d-9 ta' Frar 2024

13. Ir-rebbieħa jiġu nnotifikati sal-aħħar ta' Frar 2024. Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni issir f'Marzu 2024.

15. Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi se tkun qed tippremja l-aħjar tliet disinni.

16. Id-disinn li jiġi l-ewwel se jintuża bħala l-logo uffiċjali għal Skolasajf 2024 u jsir propjetà tal-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi.

16. Il-kompetizzjoni qed tkun ġentilment sponsorjata minn **Copyclub Live, Miller Distributors,** u **Heritage Malta.**

Stationery & Crafts
Order Online. Delivery To Your Door
www.copyclublive.com